**KUNSILL LOKALI ĦAL LIJA**
**36, VIDENZA, TRIQ Il-MITĦNA**
**ĦAL LIJA**
**TEL NO : 21416111**

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Lija

# ID-DISA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 15

Data tal-laqgħa: L-Erbgħa 18 ta' Ġunju, 2025

Il-Kunsilli Lokali Ħal Lija ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu, fil-5:00 ta' filgħaxija.

### PREŻENTI:

Anthony Dalli – Sindku
Calcedonio Cini – Viċi Sindku
Lorraine Farrugia Muscia – *Minority Leader*
Diane Abela Penza – Kunsillier
Carl Betts - Kunsillier

### ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A(3):

Ma kien hemm l-ebda membru assenti b'apoloġija

### ASSENTI:

Ma kien hemm l-ebda membru assenti

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Pamela Seguna – Segretarju Eżekuttiv

# Minuti

Is-Sindku Anthony Dalli, ippreseda il-laqgħa.

## 15.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

15.1.1 Qari tal-ittri tal-apoloġiji ma kienx hemm.

## 15.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti tal-Laqgħa Numru 14

15.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti tal-erbatax -il laqgħa. Kopja tal-minuti ngħataw lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

15.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezjoni tal-minuti. Mistoqsijiet jew matters arising u ma kienx hemm.

15.2.3 Fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini, li kien issekondat mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia l-minuti tal-erbatax-il laqgħa ġew approvati unanimament.

## 15.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

15.3.1 Is-Sur Dalli tkellem fuq ix-xogħlijiet tal-bankina li qed isiru fi Triq Mikielanġ Borg. Huwa qal li x-xogħlijiet mexjin b'ritmu tajjeb. Il-ħaddiema anke qed jaraw x' bżonnijiet hemm u li fadal isiru u deher li hemm bżonn ta' manutenzjoni fuq il-pajpijiet tad-dranaġġ. Anke ġew mtella fil-wiċċ żewġ manholes li kienu mirduma, u tnaddfu l-pajpijiet eżistenti. Finalment is-Sindku spjega kif kien hemm qbil mal-ħaddiema li ser isir ukoll wiċċ ġdid bit-tarmac tat-triq kollha.

15.3.2 Is-Sur Dalli tkellem fuq il-latrini tal-pjazza. Huwa spjega kif l-Kunsill ngħata appuntament ġdid wara li l-ewwel wieħed kien ġie kkanċellat. Huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv, Iltqagħu fl-Uffiċċju tal-Cleansing Ħal Luqa, u sar qbil li jibda l-proċess ta' ħidma fuq il-latrina dan billi ser jiġi appuntat Perit mill-Cleansing, jmur fuq il-post u jagħmel evalwazzjoni ta' l-istruttura fiżikament. Umbgħad dan il-Perit jagħmel pjanta u joħroġ stima u BOQ tal-proġett kollu, u jaf jkun hemm il-bżonn li din il-latrina taqa u tinbidel għal waħda aktar moderna u mill-ġdid. L-Ispejjeż tal-Perit ser jassorbihom il-Cleansing Department u bħala Kunsill ser napplikaw biex inġibu l-fondi mid-DLG fuq il-BOQ tal-Perit u jiġu nklużi l-fondi addizzjonali li l-Kunsill diġà akkwista minn sejħa oħra ta' qabel.

Is-Sindku kompla jispjega kif il-Perit tal-cleansing propju ġie il-ġimgħa l-oħra jagħmel l-ispezzjonijiet tiegħu u qabel li din għanda taqa u tinbena mill-ġdid. Issa baqa biss li jintbgħatu xi nies jagħmlu rapport u pjanta, ħalli l-perit finalment ikun jista joħroġ il-BOQ u l-Kunsill japplika għall-Fondi. Is-Sindku qal li kif tkun lesta l-pjanta din ser titella waqt il-kunsill biex issir l-evalwazzjoni tagħha.

15.3.3 Is-Sindku tkellem dwar laqgħa li l-Kunsill kellu mal-OPM u IM. Huwa qal kif din il-laqgħa kienet ippjanata li ssir l-OPM imma ftit qabel il-Kunsill intalab biex imur fl-uffiċini ta' IM Ħal Luqa. Is-Sur Dalli qal kif huwa flimkien mas-Segretarju Eżekuttiv iltaqaw mal-Uffiċċjali minn IM u rapreżentant mill-Ministeru tat-Trasport. Nġibdet l-attenzjoni fuq it-tmien ilmenti li kien ressaq il-Kunsill mal-OPM, li dawn ħadu nota tagħhom,kien hemm diskussjoni u qbil li dawn il-problemi jiġu magħluqa.

15.3.4 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera dwar komunikazzjoni li kellu ma Teatru Malta. Huwa qal kif kellu appuntament ma uffiċċjal minn Teatru Malta għax ser jagħmlu performance fil-pitch tal-Boċċi fil-Ġnien Ċentru Rikreattiv nhar it-28/29 ta' Ġunju filgħaxija. Sar ftehiem biex dawn jużaw l-ġnien għal din il-performance u minn tal-Kunsill inħareġ l-permess neċessarju.

15.3.5 Is-Sindku tkellem fuq Triq Antonio Azzopardi fejn qal li kellu laqgħa oħra organizzatha minn IM fejn attendew diversi entitajiet oħra li se jagħmlu xi xogħlijiet fi Triq Antonio Azzopardi għaliex din ser tinfed ma' Triq Gan Nikol Buhagiar.

15.3.6 Is-Sur Dalli tkellem dwar ix-xogħlijiet li qed isiru fi Triq Pantar. Huwa spjega kif minn Triq Pantar dħul lejn Triq Kjeriku Ġakbu Abela lejn il-Fabrika ta' Ħalmann ser jitpoġġew pajpijiet biex isir ġbir ta' l-ilma tax-xita u jaqgħad ma' sistema ta' l-ilma fi Triq in-Naxxar. Għalhekk sa kemm isir dan ix-xogħol kollu s-Sur Dalli qal li huwa kelli jintervjeni, minħabba l-ilmenti tar-residenti u bdiewa ta ' Ħalmann biex it-Triq ma tibqax one-way u biex dawn in-

nies ma jkollhomx għalfejn imorru l-Mosta biex jidħlu Ħalmann. It-Talba ntlaqet minn IM u ser isiru t-tabelli neċċessarji biex kulħadd ikun jista jaċċessa din it-triq f'ambjent sigur.

## 15.4 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera

15.4.1 Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera bil-miktub ma kienx hemm.

## 15.5 Korrispondenza

15.5.1 Mistoqsijiet dwar ir-rapport tal-korrispondenza ma kienx hemm.

## 15.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tar-Rapport Finanzjarju Finali għas-sena 2024

15.6.1 B'relazzjoni mal-*audit* li riċentament sar għas-sena 2024, is-Segretarju Eżekuttiv poġġiet fuq il-mejda għall-approvazzjoni tal-Kunsill, ir-Rapport Finanzjarju finali għal dik is-sena. Kopja ta' dan ir-rapport intbgħat b'permezz ta' imejl lis-Sindku u lill-kunsilliera.

15.6.2 Is-Sindku għamel spjegazzjoni fil-qosor dwar il-kontenut u l-figuri ta' dan ir-rapport. Wara s-Segretarju Eżekuttiv spjegat kif dan ir-rapport diġa kien ġie ppreparat mill-accountant, pero dan ir-rapport kien għadu *unaudited* u mhux finali. Peress li l-awdituri rrakomandaw li jsiru xi aġġustamenti fuq l-*unaudited financial report* wara li sar il-fieldwork tal-audit, dan ir-rapport u l-kontenut kollu relatat miegħu għandu issa jerġa jiġi approvat bl-aġġustamenti li naturalment saru mill-accountant tal-kunsill fuq bażi ta' x'ġie rrakomandat mill-awdituri. Din hija parti mill-proċedura tal-*audit* li ssir għal kull sena. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet lill-kunsilliera li jekk għandhom xi mistoqsijiet dwar dan ir-rapport hija ser tieħu nota tagħhom u tgħaddihom għall-attenzjoni tal-accountant. Mistoqsijiet ma kienx hemm.

15.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv umbgħad kompliet tispjega kif l-awdituri għandhom bżonn 8 kopji ta' dan ir-rapport ffirmat u appena dan jiġi approvat ser jintbgħat minnufih lil Grant Thorthon ħalli b'hekk umbgħad l-istadju li jmiss ikun li tinħareġ il-*managementt letter* fejn il-kunsill irid iwieġeb għaliha.

15.6.4 Il-Kunsill approva unanimament r-rapport finanzjarju finali fuq proposta tal-Viċi Sindku Calcedonio Cini li kien issekondat mill-Kunsillier Carl Betts.

## 15.7 Preparazzjonijiet Għal Jum Ħal Lija 2025

15.7.1 Is-Sindku tkellem fejn qal kif il-programm huwa finali, u l-flyer ġie ppreparat kif kulħadd jaf. Kollox jidher mixi sew bħala preparamenti.

15.7.2 Rigward il-Bbq tal-1 ta' Lulju, is-Sur Dalli kif huwa qiegħed fi kuntatt mal-caterer u sodisfatt ħafna bl-ikel li ser ikun qed jiġi servut anke bid-deżerta. Kompla jgħid kif l-attivita ta' day by the pool il-Kunsill jrid jieħu ħsieba aktar fejn forsi jiġu mħajra ż-żgħażagħ jattendu. Kien hem qbil biex żgħażagħ li ser japplikaw u jkunu taħt l-eta, ser jintalbu biex jimlew consent form mill-ġenituri tagħhom.

15.7.3 Dwar l-attivita tal-4 ta' Lulju, l-attivita tal-familja, ukoll kollox mixi sew u ġew ordnati diversi logħob kbar.

15.7.4 Is-Sur Dalli fakkar lil Kunsilliera kif bħala spejjeż li ser jinħarġu għa kull attività l-Kunsill huwa kopert u ser jadotta l-proċedura bħas-sena li għaddiet u l-fondi ser ikunu qed jittieħdu mill-fondi tal-Kunsill.

## 15.8 Nominazzjonijiet Jum Ħal Lija 2025

15.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Is-Sa Seguna qalet li d-data tal-għeleq tan-nominazzjonijiet għalqet u kienet sas-16 ta' Ġunju 2025. Il-Kunsill irċieva tlett nominazzjonijiet mill-pubbliku fejn ġew innominati l-Għaqda tan-nar San Mikiel ta' Ħal Lija, s-Sur Frankie Buttigieġ u n-Nutar is-Sur Franco Pellegrini.

15.8.2 Wara li saret diskussjoni qasira kien hemm qbil unanimu bejn il-membri kollha biex Ġieħ Ħal Lija jingħata lill-Għaqda tan-Nar San Mikiel ta'Ħal Lija bħala tifkira tal-mitt sena li huma ser jagħlqu. Lin-Nutar is-Sur Franco Pellegrini u lis-Sur Frankie Buttiġieġ ser jingħataw ċertifikat ta' rikonoxximent tal-ħidma tagħhom.

15.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv ser tieħu ħsieb li jinbgħatu l-ittri uffiċċjali lil Għaqda tan-nar, lin-Nutar Pellegrini u lis-Sur Buttiġieġ biex dawn ikunu preżenti dakinhar fi 6 ta' Lulju, 2025. Ser jinbgħatu anke imejls lil għaqdiet biex dawn jekk jixtiequ jattendu għal quddies ta' ringrazzjament li ser ssir fid-9:30am.

## 15.9 Festa Salvatur 2025

15.9.1 Is-Sindku nforma lil Kunsilliera kif il-Kunsill dalwaqt ser jibda jipprepara għal Festa. Bħala preparamenti kollox ser ikun simili ħafna bħas-sena li għaddiet. Huwa rrefera kemm għal ħruġ ta' permessi tal-kiosks, bins li jinkrew, upkeep ma' dwar ir-raħal, tindif, knis, tindif tal-latrini etc. Kollox l-istess proċedura bħas-sena 2024.

15.9.2 Is-Sur Dalli nforma lil Kunsilliera ukoll kif l-Kunsill ġie nfurmat li minn din is-sena l-quddiem flus rigward is-servizz tal-uffiċċjali u għeluq ta' toroq, din is-sena mhux ser ikunu qed jingħataw aktar mir-Reġjun. Pero huwa spjega kif suppost dawn il-flus ġejjien minn sorsi oħra taħt il-kappa tal-Kultura, iżda xejn m'għadu kkonfermat mija fil-mija. Filfatt il-Kunsill alissa ser ikun qed jagħmila ċara anke mal-Pulizija li fondi m'hemmx allokati għall-uffiċċjali tal-komunita.

15.9.3 Is-Sindku qal kif il-Kunsill ser ikun qed iħallas żgur l-ispiża tal-fire engine għaliex din hija talba li ssir kull sena mill-għaqda tan-nar, però din l-ispiża biss u xejn aktar għaliex flus allokati m'hemmx.

15.9.4 Aktar dettalji dwar il-preparamenti tal-festa ser ikomplu jingħataw aktar il-quddiem. L-Amministrazzjoni ser iżżomm dejjem lil Kunsilliera aġġornati f'każ li jkun hemm xi tibdil kbir ikkumparat mas-sena li għaddiet.

## 15.10 Items oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill u lmenti

15.10.1.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Tibdil fid-dawl tal-Ġnien Tal-Mirakli</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ressqet għall-approvazzjoni tal-Kunsill proposta biex id-dawl fil-ġnien Tal-Mirakli ma jibqax jopera bis-solar u jitqabbad dirett mad-dawl. Bis-solar id-dawl mhux jaħdem sew.

15.10.1.2 Il-Kunsilliera unanimament approvaw din il-proposta.

15.10.2.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Spiża ġardinar</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv flimkien mas-Sindku ressqet għall-approvazzjoni spiża temporanja għas-servizz ta' ġardinar, mill-1 ta' Lulju 2025, sakemm ma jiġi konkluż il-proċess kollu tat-tender ġdid u jiġi awarded kuntrattur ġdid. L-ispiża hija ta' 20 Ewro fis-siegħa, jumejn fil-ġimgħa ta' 8 siegħat għal kull jum. Spejjeż ta' apparat jew kiri ta' makkinarju huma responsabbiltà tal-Kuntrattur.

15.10.2.2 Il-Kunsill kollu unanimament approva din l-ispiża.

15.10.3.1 <u>Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni – Rati ġodda – Servizz Town planner</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill kollu kif ser jinbidlu r-rati għas-servizz ta' town planner mill- 1 ta' Lulju 2025, dan dejjem jekk il-Kunsill jibqa juża s-servizzi tal-Kumpanija kurrenti, ADI Associates. Hija poġġiet fuq il-mejda kopja ta' dawn ir-rati ġodda.

15.10.3.2 Il-Kunsilliera kollha ħadu nota u ġie deċiż li l-Kunsill jibda juża s-servizzi ta' ADI Associates.

15.10.4.1 <u>Talba biex jinżabar il-ħaxix salvaġġ – Triq Depiro Gourgion</u>
Residenta qed tressaq talba mal-Kunsill biex jinżabar sew il-ħaxix salvaġġ kollu li hemm fi triq Depiro Gourgion għaliex dan kiber ħafna u jibżgħu li bis-sħana jaqbad.

15.10.4.2 Il-Kunsill unanimament approva din it-talba u ser titniżżel fil-lista ta' xogħlijiet pendenti biex issir.

15.10.5.1 <u>Kunsiderazzjoni biex jinxtara 'hand blower/ vacuum'</u>
Is-Segretarju Eżekuttiv ressqet talba fuq il-mejda biex jinxtara hand blower/vacuum. Is-Sindku żied jgħid li dan l-appart ser ikun qed jintuża mill-ħaddiema tal-Kunsill fil-Pjazza Trasfigurazzjoni u Vjal it-Trasfigurazzjoni l-aktar biex isir tindif aktar malajr tal-konok.

15.10.5.2 Il-Kunsill unaniment approva li jinxtara dan l-apparat.

15.10.5.3 Waqt li kienet qed ssir diskussjoni fuq il-Pjazza, hawnhekk is-Sur Cini nforma lis-Sindku li hemm żewġ siġar mejta u s-Sa Abela Penza qalet li hemm xi konok oħra vojta li fihom m'hemmx siġar. Is-Sindku wieġeb kif ser ikellem il-

ġardinar biex jiċċekkja dwar iż-żewġ siġar mejta msemmija u dwar il-konok il-vojta spjega kif il-Kunsill diġà prova jixtri Oleanders oħra imma ma sabx siġar ideali bġal dawk eżistenti għat-twaħħil fil-konok.

15.10.6.1 <u>Talba biex jitweħħel fanal ġdid – Triq Preziosi</u>
Is-Sindku qal kif avviċinah resident li fi Triq Preziosi viċin ta' dar nru 22 hemm ħafna dlam u għalhekk jixtieq li jeħel fanal. Is-sindku qal kif issa ser jikkonsultu mal-electrician tal-Kunsill biex imur fuq il-post u jiċċekkja u jekk filkas il-Kunsill ser ikollu jixtri fanal ieħor.

15.10.6.2 Il-Kunsilliera ħadu nota ta' din l-informazzjoni.

## 15.11 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti u spejjeż oħra

15.11.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet l-iskeda ta' pagamenti numru 06/25 li kienet tinkludi l-ammont tal-*petty cash* ta' €66.92 għax-xahar ta' Mejju 2025.

15.11.2 L-iskeda ta' ħlasijiet imressqa (numru 06/25) kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Kap tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia li kienet issekondatha mill-Viċi Sindku Calcedonio Cini. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet kollha. Is-Segretarju Eżekuttiv fakret li peress li l-fergħa tal-HSBC ta' Ħal Balzan għalqet għal kollox, l-pagament tal-*petty cash* ser joħroġ fuq isem is-Sindku u s-Sindku umbagħad jagħti l-ammont tal-flus kontanti lis-Segretarju Eżekuttiv lura.

## 15.12 Mozzjonijiet – 1/2025 – Studju dwar il-Kapaċita' ta' Tolleranza ta' l-Iżvilupp 'Carrying Capacity' għall-Lokalita ta' Ħal Lija

15.12.1 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil Kunsill kif kien hemm mozzjoni waħda li saret mis-Sindku Anthony Dalli. Din il-mozzjoni kienet titratta dwar il-bżonn li jrid jsir studju malajr kemm jista jkun fil-lokalita biex jiġi kkonfermat jekk il-lokalita bħala raħal jiflaħx għall-aktar żvilupp u jiġu determinati l-effetti ta' dan l-iżvilupp u kif ukoll l-impatti fuq l-ambjent tal-lokalita. Kopja tal-mozzjoni annessa mal-minuti.

15.12.2 Is-Sindku qara l-mozzjoni kollha u wara staqsa jekk kienx hemm kummenti jew mistoqsijiet mill-Kunsilliera. Kummenti jew mistoqsijiet ma kienx hemm.

15.12.3 Is-Sur Dalli għalhekk staqsa lil Kunsilliera min huwa favur din il-mozzjoni u l-membri kollha b'mod unanimu kienu favur li din il-mozzjoni tiġi nseħħ.

## 15.13 Applikazzjonijiet tal-Awtorita tal-Ippjanar

15.13.1 Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li skond l-aġġornamenti li tibgħat it-town planner, l-applikazzjoni msemmija hawn taħt, il-Kunsill ingħata suġġeriment biex jikteb ittra ta' rappreżentazzjoni dwarhom:
PA – 03352/25 – 42, Devonshire House, Triq Annibale Preca, Lija
PA – 03334/25 – 11/13/15, Triq il-Kunċizzjoni & 25 Triq il-Kunċizzjoni, Sqaq nru. 1, Lija

15.13.2 Is-Segretarju Eżekuttiv spjegat waħda waħda dwar xiex jitrattaw dawn l-applikazzjoni u staqsiet lil Kunsill kollu jekk jixtieqx jipproċedi billi jikteb lil l-Awtorita kif ġie ssuġġeriet mit-Town planner, dwar xi waħda mill-applikazzjonijiet. Waqt id-diskussjoni li saret fuq PA - 03334/25 – 11/13/15, Triq il-Kunċizzjoni & 25 Triq il-Kunċizzjoni, Sqaq nru. 1, Lija, is-Sindku Anthony Dalli ħareġ mill-kamra u ma kienx inkluż fid-deċiżjoni li finalment ħa l-Kunsill minħabba kunflitt ta' interess.

15.13.3 Il-Kunsill iddeċieda li fuq bażi tas-suġġerimenti tat-town planner, ma jsirux ittri ta' rappreżentazzjoni fuq l-ebda mill-applikazzjonijiet.

## 15.14 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

15.14.1 Qabel ma ntemmet il-laqgħa s-Sindku staqsa lill-Kunsilliera jekk jixtiequx jagħmlu xi kummenti, suġġerimenti jew mistoqsijiet addizzjonali oħra.

15.14.2 Il-Viċi Sindku Calcedonio Cini qal li sabuh xi residenti u qalulu proset tal-AED li tweħlet fil-Pjazza, biss staqsewh jekk jistax jingħata kors fuqha dwar kif tiġi użatha għaliex ħafna nies ma jafux. Is-Sa Seguna, is-Sur Dalli u anke s-Sa Abela Penza spejgawlu kif li kieku dawn in-nies urew interess fil-first aid kors li propju l-Kunsill kien qed jorganizza però

kellu jħassru minħabba nuqqas ta' attendenza, kienu jkunu nfurmati għaliex qiegħed apparat bħal dan u x'inhu l-użu tiegħu. Is-Sa Seguna spjegatlu ukoll biex jinforma lin-nies li f'każ li Alla jħares qatt tinqala xi emerġenża l-apparat minnu nnifsu jigwidak pass wara pass ta' x'għandek tagħmel. Is-Sindku qal li anke jekk tfittex fuq Google tkun infurmat kif tista toperah għaliex alissa mhux ser jiġi organizzat kors ieħor fuq dawn l-affarijiet. Is-Sindku qal kif issa Maintenance tal-apparat il-Kunsill irrid jagħmel biex żgur nassigurak li għadu jaħdem sew anke bħala battrey.

15.14.3 Il-Viċi Sindku, is-Sur Cini qal lis-Sindku dwar refreshing ta' stop kif tidħol minn Triq M. Debono. Is-Sindku għarfu kif dik imniżżla fix-xogħlijiet pendenti diġà u daqt ser issir.

15.14.4 Il-Kap Tal-Minoranza Lorraine Farrugia Muscia staqsiet lis-Sindku jekk għandux ħjiel meta ser issir Triq Mons Fenech (Ex Triq Preziosi Sqaq nru 2). Is-Sindku wieġeb kif kuljum jissielet u jċempel lil Kuntrattur jiġri warajh biex din issir. Huwa qal kif jekk ma ssirx sal-festa ħa jmur għand IM.

15.14.5 Is-Sa Farrugia Muscia esprimiet ix-xewqa li l-Kunsill jagħmel sezzjoni ma' ITS ta' tisjir innovattiva għar-residenti b'ikel finger food cold, differenti minn dak li jaf kulħadd. Is-Sindku u l-Kunsilliera l-oħra ma sabux oġezzjoni u s-Sindku qal lis-Sa Farrugia Muscia biex iġġib id-dettalji kollha u tikkomunika mas-Segretarju Eżekuttiv. Huwa qal biss li tkun aħjar jekk din is-sezzjoni ssir f'post adekwat aktar mill-uffiċċju tal-Kunsill. Forsi tista ssir l-ITS stess umbagħad il-Kunsill f'dak il-każ joffri transport lejn ITS għar-residenti nteressati.

15.14.6 Il-Kunsillier Betts qal kif attenda għall-laqgħa oganizzatha mir-Reġjun fejn preżenti kien hemm il Profs. Montebello li tkellem dwar l-AI. Huwa jixtieq li l-Kunsill javviċina lil dan il-Profs biex tiddaħħal aktar il-kunċett tal-AI fil-Kunsill. Is-Sindku qal kif l-aħjar nagħtu ftit ċans alissa għaliex għal xi ħaġa hekk jaf ikun hemm bżonn anke ta' permess minn naħa tad-dipartiment u jekk filkas huwa tal-opinjoni li jiġi kkuntatjat l-ewwel għal parir Profs. Alexiei Sir Dingli għax hu huwa l-professur fl-Universita ta' Malta magħruf l-aktar fuq l-intelliġenza artifiċjali.

15.14.7 Il-Ħin kien 18:25pm x'ħin intemmet is-seduta. Il-laqgħa li jmiss ser issir nhar it-Tlieta 22 ta' Lulju 2025 u kien hemm qbil b'mod unanimu biex il-laqgħa issir fit- 8:30am mill-uffiċċju tal-Kunsill Lokali.

Konfermati, illum it-Tlieta 22 ta' Lulju 2025.

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMATA |
| Anthony Dalli | Pamela Seguna |
| Sindku | Segretarju Eżekuttiv |